

31990L0377

17.7.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 185/16

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tad-29 ta' Ġunju 1990****li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u ta' l-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali**

(90/377/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 213 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi trasparenza fil-prezzijiet ta' l-enerġija, sa l-estent li ssaħħaħ il-kondizzjonijiet li jassiguraw li l-kompetizzjoni fis-suq komuni ma tkunx imfixxkla, hija essenzjali għall-kisba u għall-ħidma mingħajr skossi tas-suq intern ta' l-enerġija;

Billi t-trasparenza tista' tgħin sabiex titneħħa diskriminazzjoni kontra utenti, billi tiżdiedilhom il-liberta' li jagħżlu bejn sorsi ta' enerġija differenti u bejn fornituri differenti;

Billi, fil-preżent, il-grad ta' trasparenza jvarja minn sorsi ta' l-enerġija u minn pajjiż jew reġjun Komunitarju u ieħor, b' mod li tpoġġi f'dubju l-kisba ta' suq intern ta' l-enerġija;

Billi, b'dana kollu, il-prezz imħallas mill-industrija fil-Komunità għall-enerġija li hija tuża huwa wieħed mill-fatturi li jinfluwenzaw il-kompetittività u għandu għalhekk jibqa' kunfidenzali;

Billi s-sistema ta' konsumaturi normali użata mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (SOEC) fil-pubblikazzjonijiet ta' prezzijiet tiegħu, u s-sistema ta' prezzijiet tas-suq li għandha tkun introdotta għall-utenti industrijali ewlenin ta' l-elettriku għandha tassigura li t-trasparenza ma tkunx ta' xkiel għall-kunfidenzali;

Billi huwa meħtieġ li l-medda tal-kategoriji ta' konsumaturi wżati mill-SOEC sal-limiti li l-konsumaturi jibqgħu rappresentattivi;

Billi b'dan il-mod it-trasparenza fil-prezz ta' l-utenti finali tista tkun milħuqha mingħajr ma tipperikola l-hteġa tal-kunfidenzali tal-kuntratti; billi sabiex tkun rispettata l-kunfidenzali jeħtieġ li jkun hemm mill-anqas tlett konsumaturi f'kategorija partikolari ta' konsum sabiex il-prezz ikun ippublikat;

Billi din l-informazzjoni li tirrigwarda l-gass u l-elettriku ikkuns-mat mill-industrija għal l-utenti finali ta' l-enerġija, għandha tip-permetti li jsiru wkoll paraguni ma' sorsi oħrajn ta' l-enerġija (żejt, faħam, sorsi ta' enerġija fossili u rinovabbli) u konsumaturi oħrajn;

Billi impriżi li jissupplixxu l-gass u l-elettriku kif ukoll konsumaturi industrijali tal-gass u ta' l-elettriku jibqgħu, indipendentement mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bla ħsara għar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat, u billi konsegwentement il-Kummissjoni tista' teħtieġ il-komunikazzjoni tal-prezzijiet u l-kondizzjonijiet tal-bejgħ;

⁽¹⁾ ĠU C 257, ta' l-10.10.1989, p. 7.

⁽²⁾ ĠU C 149, tat-18.6.1990.

⁽³⁾ ĠU C 75, tas-26.3.1990, p. 18.

Billi t-tgħarif dwar is-sistema tal-prezzijiet fis-seħħ tiffurma parti mit-trasparenza tal-prezzijiet;

Billi t-tgħarif dwar l-analiżi sistematika tal-konsumaturi skond il-kategorija u skond l-ishma tas-suq rispettivi tagħhom tiffirma wkoll parti mit-trasparenza tal-prezzijiet;

Billi l-komunikazzjoni lill-SOEC tal-prezzijiet u kondizzjonijiet ta' l-bejgħ lill-konsumaturi u s-sistemi ta' prezzijiet fis-seħħ, kif ukoll l-analiżi sistematika tal-konsumaturi skond il-kategorija ta' l-konsum għandha tinforma b'mod suffiċċjenti lill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' tiddeċiedi, skond il-ħtieġa, dwar l-azzjoni jew il-proposti xierqa fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq intern ta' l-enerġija;

Billi d-dettalji furnuti lill-SOEC ikunu aktar affidabbli jekk l-imprezzi innifishom jikkumpilaw dawn id-dettalji;

Billi l-familjarità mat-tassazzjoni u l-imposti para-fiskali eżistenti f'kull Stat Membru hija importanti sabiex tassigura t-trasparenza fil-prezzijiet;

Billi għandu jkun possibbli li tkun verifikata l-affidabbiltà ta' l-informazzjoni mogħtija lill-SOEC;

Billi l-kisba tat-trasparenza tippresupponi l-pubblikazzjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' prezzijiet u ta' sistemi tal-prezzijiet fost l-akbar firxa possibbli ta' konsumaturi;

Billi għall-implimentazzjoni tat-trasparenza fil-prezzijiet ta' l-enerġija, s-sistema għandha tkun ibbażata fuq l-esperjenza u fuq metodi pruvati, żviluppati u applikati mill-SOEC fir-rigward tal-ipproċessar, il-verifika u l-pubblikazzjoni tad-dettalji;

Billi, bil-prospett tal-kisba tas-suq intern ta' l-enerġija, is-sistema tat-trasparenza fil-prezzijiet għandha ssir operazzjonali kemm jista' jkun malajr possibbli;

Billi l-implimentazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva tista' sseħħ biss fl-Istati Membri kollha meta s-suq tal-gass naturali, partikolarment fir-rigward ta' l-infrastruttura, jkun laħaq livell suffiċċjenti ta' żvilupp,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jassiguraraw li imprezzi li jissupplixxu l-gass jew l-elettriku lill-utenti finali industrijali, kif definiti fl-Annessi I u II, jikkomunikaw lill-SOEC skond il-forma ipprovduta fl-Artikolu 3:

1. il-prezzijiet u l-kondizzjonijiet tal-bejgħ tal-gass u ta' l-elettriku lill-utenti finali industrijali;
2. is-sistemi tal-prezzijiet fis-seħħ;
3. l-analiżi sistematika ta' konsumaturi u l-volumi korrispondenti skond il-kategorija tal-konsum sabiex jassiguraraw li l-kategoriji jkunu rappreżentattivi fuq livell nazzjonali.

Artikolu 2

1. L-imprezzi referuti fl-Artikolu 1 għandhom jikkumpilaw id-dettalji li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 1(1) u (2), fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju ta' kull sena. Dawn id-dettalji, mħejjija b' mod konformi mad-dispożizzjonijiet referuti fl-Artikolu 3, għandhom jintbagħtu lill-SOEC u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi żmien xahrejn.

2. Fuq il-bażi tad-dettalji referuti fil-paragrafu 1, il-SOEC għandha tippubblika kull Mejju u kull Novembru, f'forma xierqa, il-prezzijiet tal-gass u ta' l-elettriku għal utenti industrijali fl-Istati Membri u s-sistemi ta' prezzijiet użati għal dawk il-finijiet.

3. L-informazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 1(3) għandha tintbagħat kull sentejn lill-SOEC u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-ewwel komunikazzjoni għandha tikkonċerna s-sitwazzjoni prevalenti fl-1 ta' Jannar 1991. Din l-informazzjoni m'għandhiex tkun ippubblikata.

Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet implimentattivi li jirrigwardaw il-forma, il-kontenut u l-karatteristiċi l-oħrajn kollha ta' l-informazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 1 huma stabbiliti fl-Annessi I u II.

Artikolu 4

Il-SOEC m'għandhiex tiżvela d-dettalji mgħotija lilha bis-saħħa ta' l-Artikolu 1 li jstgħu, skond ix-xorta tagħhom, jkunu soġġetti għal kunfidenzali kummerċjali. Tali dettalji statistiċi kunfidenzali li jkunu trasmessi lill-SOEC għandhom ikunu aċċessibbli biss għall-uffiċjali tal-SOEC u jistgħu jintużaw biss għal skopijiet statistiċi.

Din id-dispożizzjoni m'għandhiex, b'dana kollu, tfixkel il-pubblikazzjoni tad-dettalji ta' din ix-xorta f'forma aggregata li ma tippermettix l-identifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet kummerċjali individwali.

Artikolu 5

Meta l-SOEC tinnota li hemm anomaliji jew inkonsistenzi li huma statistikament sinifikanti fid-dettalji trasmessi permezz ta' din id-Direttiva, hija tista' titlob lill-korpi nazzjonali sabiex iħalluha twettaq spezzjoni tad-dettalji xierqa disaggregati kif ukoll il-metodi ta' l-kalkolazzjoni jew ta' l-evalwazzjoni li fuqhom huma ibbażati d-dettalji aggregati, sabiex tkun tista' tevalwa, jew anki temenda, kull informazzjoni meqjusa bħala irregolari.

Artikolu 6

Meta xieraq, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-bidliet meħtieġa fl-Annessi ta' din id-Direttiva skond il-problemi speċifiċi identifikati. Dawn il-bidliet jstgħu, b'dana kollu, ikopru biss il-karatteristiċi tekniċi ta' l-Annessi u ma jstgħux ikunu ta' tip li jbiddu l-istruttura ġenerali tas-sistema.

Artikolu 7

Fil-każ ta' xi tibdiliet fl-Annessi, kif referuti fl-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn kumitat konsultattiv kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri u presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta lill-kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fil-limitu ta' żmien li l-president jista' jistipula skond l-urġenza tal-każ, jekk meħtieġ billi jittieħed vot.

L-opinjoni għandha tkun irreġistrata fil-minuti; apparti dan kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jsaqsi li tkun irreġistrata l-pożizzjoni tiegħu fil-minuti.

Il-Kummissjoni għandha tagħti l-akbar attenzjoni għall-opinjoni mogħtija mill-kumitat. Hija għandha tinforma lill-kumitat dwar il-manjiera ta' kif inġatatt attenzjoni għall-opinjoni tiegħu.

Artikolu 8

Darba fis-sena, il-Kummissjoni għandha tippresenta rapport sommarju dwar il-ħidma ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 1991. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Fil-każ tal-gass naturali, id-Direttiva m'għandhiex tkun implimentata fi Stat Membru qabel ħames snin wara l-introduzzjoni ta' dik il-forma ta' enerġija fis-suq f'dak il-każ. Id-data ta' l-introduzzjoni ta' dak is-sors ta' l-enerġija fis-suq nazzjonali għandha tkun irrapportata espliċitament lill-Kummissjoni mill-Istat Membru ikkonċernat mingħajr dewmien.

Artikolu 10

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fil-Lussemburgu, fid-29 ta' Ġunju 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

M. SMITH

L-ANNEX I

DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI DWAR IL-GASS

1. Żewġ tipi ta' gass huma involuti:
 - (a) gass naturali;
 - (b) gass manifatturat ⁽¹⁾.
2. Meta ż-żewġ tipi ta' gass ikunu distribwiti fl-istess żona jew reġjun urban, id-dettalji dwar it-tnejn għandhom ikunu irapurati apparti minn meta l-konsum ikun anqas minn 10 % tal-konsum totali tal-gass naturali u tal-gass manifatturat fil-postijiet jew fir-reġjuni referuti fil-punt 11 ta' hawn taħt.
3. Id-distribuzzjoni minn pajpijiet biss hija kkunsidrata.
4. Prezzijiet li għandhom ikunu irraportati huma l-prezzijiet imħallsa minn utenti finali.
5. L-użu huwa meqjus għall-utenti industrijali kollha.
6. Esklużi mis-sistema huma konsumaturi li jużaw gass:
 - (a) għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku f'impjanti ta' l-enerġija pubblika;
 - (b) f'tipi ta' l-użu li m'humiex ta' enerġija (e.g. fl-industrija tal-kimika);
 - (c) aktar minn 4 186 000 GJ/sena (= 1 631 GWh/sena).
7. Il-prezzijiet irreġistrati għandhom jkunu ibbażati fuq sistema ta' konsumaturi normali, definiti bażikament skond il-livell u l-modulazzjoni (jew il-fattur tat-tgħabija) ⁽²⁾ tal-konsum tal-gass.
8. Karatteristiċi oħrajn li jista' jkollhom sehem fl-iffissar tal-prezzijiet (e.g. il-frekwenza ta' l-interruzzjonijiet) għandhom ikunu determinati f'kull każ, u dejjem għandha tkun adottata s-soluzzjoni li hija l-aktar frekwenti fil-prattika.
9. Il-prezzijiet għandhom jinkludu l-kiri ta' l-arloġġ, it-tariffa fissa u r-rata tal-kommodità. Dawn m'għandhomx jinkludu t-tariffa inizzjali tal-istallazzjoni mħallsa mill-konsumatur.
10. Il-konsumaturi industrijali normali li ġejjin, bil-kodiċi I1 sa I5, ġew magħżula:

Konsum annwali				Modulazzjoni
I1-1	418,60 GJ jew	116 300,	KWh	Ebda fattur ta' tgħabija ma hu stipulat ^(*)
I2-1	4 186 GJ jew	1 163 000,	KWh	200 jum
I3-1	41 860 GJ jew	11,63 GWh)		200 jum 1 600 siegħa
I3-2	41 860, GJ jew	11,63 GWh		250 jum 4 000 siegħa
I4-1	418 600, GJ jew	116,3 GWh		250 jum 4 000 siegħa
I4-2	418 600, GJ jew	116,3 GWh		330 jum 8 000 siegħa
I5-4	4 186 000, GJ jew	1 163, GWh		330 jum 8 000 siegħa

^(*) Jekk meħtieġ 115-200 jum.

⁽¹⁾ "Gass manifatturat" tfisser enerġija akkwistata, manifatturata mill-faħam, prodotti tal-petroleum jew maqsumha, riformata jew imħallta ma gass naturali.
L-iskop ta' din id-Direttiva ma jestindix għall-gass likwifikat tal-petroleum (butanju, propanju), gass mill-ifran tal-faħam tal-kannol jem minn gass tal-ifran bi rjeh qawwija.

⁽²⁾ Il-fattur odjerni tat-tgħabija huwa n-numru ta' jiem li jkunu meħtieġa sabiex ikun utilizzat il-konsum annwali sal-masimu tar-rata tat-teħid ta' kull jum:

$$nd = \frac{Qa}{Qd_{max}}$$

Il-fattur tat-tgħabija ta' kull siegħa huwa n-numru ta' siegħat li jkunu meħtieġa sabiex jittieħed il-konsum annwali fir-rata massima tat-teħid ta' kull siegħa

$$nh = \frac{Qa}{Qh_{max}}$$

F'din il-formola ta' hawn fuq:

Qa = volum annwali ikkunsmat.

Qdmax = it-teħid massimu ta' kulljum.

Qhmax = ot-teħid massimu ta' kull siegħa.

11. Il-prezzijiet li għandhom ikunu irreġistrati f'dawn il-postijiet jew ir-reġjuni li ġejjin:
- | | |
|--|--|
| — il-Belġju: | Brussel, |
| — id-Danimarka: | Copenhagen, |
| — ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, | Hamburg, Hanover, Weser-Ems, Dortmund, Dusseldorf, Frankfurt am Main, Stuttgart, Munich, |
| — Spanja: | Madrid, Barċellona, Valencia, it-Tramuntana u l-Lvant, |
| — Franza: | Lille, Pariġi, Strasburg, Marsillja, Lyon, Toulouse, |
| — l-Irlanda: | Dublin, |
| — l-Italja: | Milan, Turin, Ġenova, Ruma, Napli, |
| — il-Lussemburgu: | Il-Belt tal-Lussemburgu, |
| — l-Olanda: | Rotterdam, |
| — il-Portugall: | Lisbona, |
| — ir-Renju Unit: | Londra, Leeds, Birmingham. |
12. Il-prezzijiet irreġistrati għandhom ikunu ibbażati fuq it-tariffi, il-kondizzjonijiet u r-regoli fis-seħħ fil-bidu ta' kull perjodu ta' sitt xhur (Jannar u Lulju), inklużi kwalunkwe rifużjonijiet.
13. Jekk ikun hemm diversi tariffi possibbli, it-tariffa li hija l-iktar vantaġġjuża għall-konsumatur għandha tiġi kunsidrata, wara li jkunu eliminati t-tariffi li fil-prattika ma jintużawx jew li japplikaw biss għal numru negliġibbli ta' utenti.
14. Meta jkun hemm biss kważi-tariffi, kuntratti speċjali jew prezzijiet liberament negozjati, il-prezz l-aktar komuni kif misjub (l-iktar rappreżentattiv tal-kondizzjonijiet partikolari ta' provvista) għandu jkun irreġistrat.
15. Il-prezzijiet għandhom ikunu espressi fil-munita nazzjonali skond l-unità fiżika tal-gass ⁽¹⁾ L-unità ta' l-enerġija wżata hija mkejla fuq il-bażi tal-valur kalorifiku gross (GCV), kif hi l-prattika fl-industrija tal-gass.
16. Iż-żewġ livelli tal-prezzijiet għandhom jinwerew ⁽²⁾:
- | |
|--|
| — bit-taxxi kollha esklużi, |
| — bit-taxxi kollha inklużi (apparti milli għal VAT li hi rifondibbli). |
17. Ir-rati u l-metodu tal-kalkolazzjoni tat-taxxi, li għandhom jinkludu kull taxxa, kemm jekk nazzjonali, reġjonali jew lokali, imposta fuq bejgħ tal-gass lill-konsumatur, għandhom ikuoll ikunu irrapportati.
18. Spjegazzjoni hekk dettaljata skond ma jkun meħtieġ li tirrifletti s-sistema tal-prezzijiet b'kemm jista' jkun reqqa għandha tkun annessa. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-bidliet introdotti wara s-sondaġġ preċedenti.
19. Fi Stati Membri fejn kumpanija tal-gass waħda tkopri l-bejgħ industrijali kollu għal dak il-pajjiż, l-informazzjoni għandha tkun ikkomunikata minn dik il-kumpanija. Fl-Istati Membri l-oħrajn meta reġjun wieħed jew iżjed huma fornuti minn iktar minn kumpanija tal-gass waħda, l-informazzjoni għandha tkun ikkomunikata minn organu statistiku indipendenti.
20. Fl-interessi tal-kunfidenzalità, id-dettalji li għandhom x'jaqsmu mal-prezzijiet għandhom ikunu ikkomunikati biss meta jkun hemm, fl-Istat Membru tar-reġjun ikkonċernat, ta' mill-anqas tlett konsumaturi f'kull waħda mill-kategoriji referuti fil-paragrafu 10.

⁽¹⁾ Meta l-metru kubu jkun użat, il-kontenut ta' l-enerġija tiegħu għandha tkun definite fi GJ, kWh jew, sal-1999, f'termi.

⁽²⁾ Meta l-prezz esklużi t-taxxi jkun akkwistat direttament minn tariffi jew kuntratti. Il-prezz eskluż mil-VAT rikoverabbli, jinkludi, meta pagabbli, it-taxxi speċifiċi l-oħrajn.

L-ANNEX II

DISPOSIZZJONIJET SPEĊIFIĊI DWAR L-ELETTRIKU

Id-dettalji dwar l-elettriku ikkomunikati bis-saħħa ta' din id-Direttiva għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

I. **Is-sondaġġ tal-“konsumatur tipiku ta’ referenza” (għal konsumaturi b’ talba massima sa 10 MW (netti)).**

1. Is-sondaġġ eżistenti tal-prezzijiet ta' l-elettriku għall-konsumaturi tipiċi ta' referenza fil-Komunità, magħmul mill-Kummissjoni, għandhu jkun estiż sabiex jinkludi żewġ kategoriji ta' konsumatur industrijali ta' referenza b'talba massima (netta) ta' 10 MW, u għandhu jkun inkorporat f'din id-Direttiva.
2. Il-prezzijiet ta' l-elettriku fl-Istati Membri b'tariffa nazzjonali waħda għandhom ikunu mistħarrġa fl-okkażjoni waħda biss; fir-rigward tal-Istati Membri b'tariffi li jvarjaw f'partijiet differenti tal-pajjiż, il-prezzijiet għandhom ikunu mistħarrġa permezz ta' kampjun rappreżentattiv tal-lokazzjonijiet, kif ġej:

— il-Belġju	il-pajjiż kollu fl-intier tiegħu,
— ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja,	Hamburg, Hanover, Dusseldorf, Frankfurt am Main, Stuttgart, Munich, Żona tal-Punent, Żona ta' Nofsinar,
— id-Danimarka	il-pajjiż kollu fl-intier tiegħu,
— Spanja	Madrid,
— Franza	Lille, Pariġi, Marsillja, Lyon, Toulouse, Strasbourg,
— il-Greċja	Ateni,
— l-Irlanda	Dublin,
— l-Italja	L-Italja tat-Tramuntana, l-Italja Ċentrali, l-Italja tan-Nofsinar u l-gżejjer, - il-Lussemburguil-pajjiż kollu fl-intier tiegħu,
— l-Olanda	Rotterdam (GEB), L-Olanda tat-Tramuntana (PEN), il-Brabant tat-Tramuntana (PNEM),
— il-Portugall	Lisbona, Ponta Delgada (reġjun awtonomu ta' l-Azores),
— ir-Renju Unit	Londra, Glasgow, Leeds, Birmingham.

3. Il-prezzijiet ta' l-elettriku għandhom ikunu mistħarrġa għad-disa' kategoriji li ġejjin ta' konsumatur industrijali tipiku ta' referenza:

Konsumatur ta' referenza	Konsum annwali kW	Talba massima kW	Utilizzazzjoni annwali bħala siegħat
I _a	30 000	30	1 000
I _b	50 000	50	1 000
I _c	160 000	100	1 600
I _d	1 250 000	500	2 500
I _e	2 000 000	500	4 000
I _f	10 000 000	2 500	4 000
I _g	24 000 000	4 000	6 000
I _h	50 000 000	10 000	5 000
I _i	70 000 000	10 000	7 000

It-talba massima (netta) hija l-*offtake* massimu f'kull kwart tas-sena ta' siegħat irreġistrati f'sena, espressi bħala kW. Il-prezz tal-provvista huwa ikkalkulat bħala $\cos \varphi = 0,90$. Fil-każ ta' tariffi ibbażati fuq talba ta' kull nofs siegħa, it-talba massima tal-konsumatur ta' referenza għandha tkun immultiplikata b'koeffiċjent ta' 0,98. Fil-każ ta' tariffi ibbażati fuq talba espressa bħala kVA, għandhu jsir aġġustament billi tkun diviża t-talba massima tal-konsumatur ta' referenza (netta) fi kW bil-koeffiċjent $\cos \varphi = 0,90$.

4. Fil-każ ta' tariffi ibbażati fuq kalkoli ta' talba massima li tkunu aktar frekwenti minn darba fis-sena, il-ħlas relatat mal-kapaċità għandu jkun multiplikat bil-koeffiċjenti li ġejjin:

TABELLA TA' KOEFFIĊJENTI TA' KORREZZJONI TA' L-ENERĠIJA

Utilizzazzjoni (siegħat)	Talba mas-sima fix-xahar	Talba mas-sima kull xahrejn	Talba mas-sima kull kwart tas-sena	Medja tal-konsum mas-simu l-aktar għoli ta' tlett xhur	Medja tal-konsum mas-simu l-aktar għoli ta' xahrejn	Konsum mas-simu annwali
1 000	0,81	0,83	0,86	0,94	0,96	1,0
1 600	0,83	0,85	0,88	0,95	0,97	1,0
2 500	0,85	0,87	0,90	0,96	0,98	1,0
4 000	0,90	0,91	0,95	0,98	0,99	1,0
5 000	0,90	0,91	0,95	0,98	0,99	1,0
6 000	0,96	0,97	0,98	0,99	0,995	1,0
7 000	0,96	0,97	0,98	0,99	0,995	1,0

5. Fir-rigward ta' tariffi bi tnaqqis għal perjodi meta jkun hemm anqas konsum ta' l-elettriku, il-konsum "off-peak" li ġej għandu jkun preżunt fil-kalkolazzjoni tal-prezz medju għal kull kW:

Konsumatur normali	Utilizzazzjoni annwali	Konsum annwali	Konsum annwali (bħala 1 000 kW), imħallas skond rati tal-perjodi meta ikun hemm anqas konsum ta' l-elettriku, skond it-tul medju ta' kulljum tal-perjodi meta jkun hemm anqas konsum ta' l-elettriku f'kull 24 siegħa					
	siegħat	1 000 kW	s7 s	8 s	9 s	10 s	11 s	12 s
Ia	1 000	30	0	0	0	0	0	0
Ib	1 000	50	0	0	0	0	0	0
Iċ	1 600	160	11	13	16	19	22	25
Id	2 500	1 250	197	225	262	300	338	375
Ie	4 000	2 000	438	500	580	660	740	820
If	4 000	10 000	2 190	2 500	2 900	3 300	3 700	4 100
Ig	6 000	24 000	7 140	8 160	9 120	10 080	11 040	12 000
Ih	5 000	50 000	13 100	15 000	17 000	19 000	21 000	23 000
Ii	7 000	70 000	23 300	26 600	29 400	32 200	35 000	37 800

Fir-rigward tal-perjodi ta' meta jkun hemm konsum anqas ta' l-elettriku ta' tul li jinsab bejn dawk li jidhru hawn fuq, il-konsum annwali ta' kW waqt perjodi meta jkun hemm konsum anqas ta' l-elettriku għandu jkun ikkalkolat permezz ta' estrapolazzjoni.

Għal perjodi oħrajn ta' meta jkun hemm konsum anqas ta' l-elettriku, per eżempju l-ġurnata kollha ta' nhar ta' Ħadd, nofs is-siegħat żejda biss għandhom jiġu meqjusa u għandha tinħadem medja ta' dawn is-siegħat, mifruxa matul il-ġranet kollha tas-sena, u r-risultat għandu jkun miżjud mal-perjodu normali ta' meta jkun hemm konsum anqas ta' l-elettriku, qabel ma tintuża t-tabella ta' hawn fuq.

6. Kull meta jkun possibbli, il-prezz rapportat għandu jkun ibbażat fuq tariffa tal-pubblikatur, applikabbli għall-kategorija tal-konsumatur f'dak il-każ. Jekk ikun hemm bosta tariffi possibbli, it-tariffa li hija l-aktar vantaġġjuża għall-konsumatur, wara li jiġu eliminati t-tariffi li fil-prattika ma jintużawx jew li japplikaw biss għal marġni ta' numru neglġibbli ta' utenti, għandha tkun applikata. Meta jkun hemm biss kważi-tariffi, kuntratti speċjali jew prezzijiet negozjati liberament, il-prezz l-aktar komuni (l-aktar rappreżentattiv) għall-kondizzjonijiet partikolari tal-provvista għandu jkun irrapportat.
7. Meta l-elettriku għal kategorija partikolari ta' konsumatur ta' referenza jista' jkun fornit b'varjetà ta' vultaġġi, wieħed għandu jassumi l-vultaġġ li huwa l-aktar rappreżentattiv għall-kategorija ta' konsumatur ta' referenza f'dak il-każ. Dan il-prinċipju għandu jkun applikat għal parametri l-oħrajn li mhumiex speċifikati f'din id-Direttiva.
8. Il-prezz kull-kW għandu jkun kalkulat sabiex jinkludi l-ħlasijiet fissi kollha li huma pagabbli (e.g. kiri ta' l-arloġġ, ħlasijiet fissi jew ħlasijiet skond il-kapaċità, eċċ.), kif ukoll il-ħlasijiet skond il-kW ikkunsmat. Huwa għalhekk l-ammont totali pagabbli wara kull primjum jew rifużjoni, għat-tip tal-konsum f'dak il-każ, diviż bil-konsum totali. Ħlasijiet tal-konnessjoni inizzjali, b'dana kollu, m'għandhomx ikunu nklużi. Għalkemm l-informazzjoni għandha tkun prodotta darbtejn fis-sena, il-kalkolazzjoni għandha tkun ibbażata fuq figuri ta' konsum annwali, sabiex jiġu evitati varjazzjonijiet staġjonali.

9. Il-prezzijiet għandhom jingħataw skond il-munita nazzjonali għal kull kW (1):
- bit-taxxi kollha esklużi,
 - bit-taxxi kollha inklużi (ħlief għal VAT li hi rifondibbli).
- Ir-rati u l-metodu tal-kalkolazzjoni tat-taxxi, li għandhom jinkludu kull taxa, kemm jekk nazzjonali, reġjonali jew lokali, imposta fuq bejgħ ta' l-elettriku lill-konsumatur, għandhom ukoll ikunu irrapportati.
10. Għandha tingħata spjegazzjoni, dettaljata kif meħtieġ li tiddeskrivi s-sistema tal-prezzijiet u kif inhi applikata b' kemm jista' jkun reqqa. Għandu jkun hemm enfasi speċjali għal kull bidliet introdotti wara s-sondaġġ preċedenti.
11. Fl-Istati Membri meta kumpanija waħda tkopri l-bejgħ industrijali kollu għal dak il-pajjiż, l-informazzjoni għandha tkun ikkomunikata minn dik il-kumpanija. Fl-Istati Membri l-oħrajn meta reġjun wieħed jew iżjed huma furniti minn aktar minn kumpanija waħda, l-informazzjoni għandha tkun ikkomunikata minn organu statistiku indipendenti.

II. Is-sondaġġ tal-“prezz tal-immakar” (għal konsumaturi b'aktar mit-talba massima ta' 10 MW)

12. Sabiex ikunu mistħarrġa l-konsumaturi industrijali b'talba massima 'l fuq minn 10 MW, għandha tkun introdotta sistema ġdida ibbażata fuq prezzijiet tal-immakar, kif definiti hawn taħt.
13. Fl-Istati Membri kollha apparti milli għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju Unit, varjazzjonijiet fl-istruttura tal-ħlasijiet u tal-prezzijiet imposti fuq il-konsumaturi industrijali kbar matul il-pajjiż kollu huma relattivament żgħir, u l-prezzijiet tal-immakar kif ukoll l-informazzjoni assoċjata għandhom jingħabru u jkunu ippubblikati għall-Istat Membru kollu fl-intier tiegħu. B'dana kollu, fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u fir-Renju Unit jista' jkun hemm varjazzjonijiet ġeografiki sinifikanti u għalhekk l-informazzjoni għal dawn iż-żewġ Stati Membri għandha tkun ikkomunikata u ippubblikata għal tlett żoni f'kull każ, skond kif ġej:

Stat Membru	Żoni
- ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja: (2)	— Tramuntana/Ċentrali, — Punent, — Nofsinhar;
ir-Renju Unit:	— L-Ingilterra u Wales, — l-Iskozja, — l-Irlanda ta' Fuq.

14. Prezzijiet tal-immakar u l-informazzjoni assoċjata għandhom ikunu irrapportati għal kull Stat Membru kif deskritt fil-paragrafu 13 għal tlett kategoriji ta' konsumaturi industrijali kbar, i.e. daww il-konsumaturi industrijali b'talba massima fil-medda ta':

- 25 MW, li tkopri konsumaturi b'talba massima (netta) ta' bejn 17,5 u 37,5 MW,
- 50 MW, li tkopri konsumaturi b'talba massima (netta) ta' bejn 37,5 u 62,5 MW, u
- 75 MW, li tkopri konsumaturi b'talba massima (netta) ta' bejn 62,5 u 75 MW,

Dawn il-kategoriji jinkludu kwalunkwe konsumatur industrijali li jipproduċi wkoll parti mill-elettriku tiegħu stess, għalkemm l-informazzjoni li tirigwardja l-konsum ta' l-elettriku tagħhom minn utilitajiet pubbliċi biss jeħtieġ li tkun irrapportata.

15. Il-prezz tal-immakar għal kategorija ta' MW partikolari (e.g. 25 MW) huwa l-prezz medju pagabbli għal kull kW għall-konsumatur industrijali mistħajjel jew ta' “prezz tal-immakar” b'talba normali ta' madwar 25 MW, imma qabel ma jsir kull tnaqqis għal “fatturi speċjali”, li għandu jkun irrapportat separatament (ara l-paragrafu 16 ta' hawn taħt). Il-karatteristiċi tat-talba ta' dan il-konsumatur industrijali tal-“prezz tal-immakar” għandhom ikunu kemm jista' jkun rappreżentattivi (għandhom ikunu injorati l-“fatturi speċjali”) għall-konsumaturi industrijali kollha fil-kategorija f'dak il-każ.

Sabiex jinkiseb ċertu grad ta' omoġenità, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-karatteristiċi ta' talba għal konsumaturi tal-“prezz tal-immakar” għal kull kategorija (i.e. 25 MW, 50 MW u 75 MW), li għandhom jintużaw mill-utilitajiet meta dan ikun xieraq. Jekk dawn il-karatteristiċi ta' talba ma jkunux xierqa, l-utilità tista' tiddefinixxi l-“prezz tal-immakar” skond il-karatteristiċi ta' talba tal-konsumatur, u dan għandu jkun

(1) Il-prezz esklużi t-taxxi kollha huwa r-riżultat dirett ta' l-applikazzjoni tat-tariffi jew il-kuntratti. Dan il-prezz jeskludi il-VAT rikoverabbli, imma jinkludi kwalunkwe taxxi speċifiċi oħrajn.

(2) Il-Länder għandu jkun diviż fi tlett żoni, iġiefiri:

- Tramuntana/Ċentrali: Schleswig-Holstein, Hamburg, Bremen, Berlin, Sassonja t'Isfel, Hessen ta' Fuq,
- Punent: North-Rhine-Westphalia, Rhineland-Palatinate, Hessen t'Isfel, Saarland,
- Nofsinhar: Baden-Wuerttemberg, il-Bavarja.

soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Dawn il-karatteristiċi tat-talba ikkonċernati, per eżempju, il-fattur tat-tagħbija, (e.g. “7 000 siegħa”, meta 7 000 huwa n-numru ta' siegħat fir-rigward ta' liem it-talba jkollha tibqa' fuq level massimu sabiex jintlaħaq il-konsum annwali), u d-distribuzzjoni tal-konsum skond il-kategoriji ta' ħlas differenti skond il-ħin tal-ġurnata (e.g. perjodu meta jkun hemm konsum għoli, perjodu meta jkun hemm konsum *off-peak*, eċċ.).

16. Il-prezzijiet tal-immarkar għandhom ikunu ikkalkulati hekk li jinkludu l-ħlasijiet fissi kollha li huma pagabbli (e.g. kiri ta' l-arloġġ, ħlasijiet fissi jew ħlasijiet skond il-kapaċità, eċċ.), kif ukoll il-ħlasijiet skond il-kWs ikkunsmati. Ħlasijiet ta' konnessjoni inizzjali, b'dana kollu, m'għandhomx ikunu inklużi. Għalkemm l-informazzjoni għandha tingħata darbtejn fis-sena, għandhom jintużaw figuri ta' konsum annwali sabiex jiġu evitati varjazzjonijiet staġjonali. Il-mod kif ikun kalkulat il-prezz tal-immarkar, inkluża l-involvement ta' ħlasijiet fissi, għandu jkun spjegat.
17. Għal kull prezz tal-immarkar, għandha tkun deskritta l-medda ta' “fatturi speċjali” li jistgħu jiġu applikati sabiex jitnaqqas il-prezz ta' l-elettriku (e.g. klawnsoli dwar interruzzjonijiet), u għandu jkun indikat l-ammont tat-tnaqqis (e.g. 6, 8, 10 %). Dawn il-fatturi speċjali għandhom ikunu rappreżentattivi tal-fatturi li huma applikabbli għall-konsumaturi li huma fornitri mill-utilità ta' rapport fil-kategorija ta' MW li tkun qiegħda tiġi mistharraġa.
18. Fl-Istati Memri meta jkun hemm iżjed minn utilità ta' l-elettriku waħda, kull waħda minn dawn l-utilitajiet għandha tippovdi l-prezzijiet tal-immarkar u l-informazzjoni relatata (dwar il-karatteristiċi tat-talba tal-konsumatur mistħajjel (il-paragrafu 15), u dwar fatturi speċjali u tnaqqis fil-prezzijiet (il-paragrafu 17)), lill-organu statistiku indipendenti. Dawn l-organi għandhom imbagħad jgħaddu l-ogħla u l-irħas prezz tal-immarkar għall-Istat Membru (jew għal kull reġjun meta applikabbli) għal kull kategorija ta' MW, flimkien ma' l-informazzjoni relatata dwar dawk il-prezzijiet tal-immarkar, lill-amministrazzjoni nazzjonali u lill-SOEC. Fir-rigward tal-Istati Membri l-oħrajn, meta l-utilità nazzjonali waħda tkopri l-pajjiż sħiħ, l-informazzjoni għandha tkun irrapportata direttament u simultanament lill-amministrazzjoni nazzjonali u lill-SOEC.
19. Fl-interessi tal-kunfidenzali, prezzijiet tal-immarkar u l-informazzjoni relatata għandhom jiġu rapportati mill-utilità nazzjonali jew mill-organu indipendenti statistiku skond kif xieraq (ara l-paragrafu 18 ta' hawn fuq) biss meta jkun hemm ta' mill-anqas tlett konsumaturi fil-kategorija MW addattata fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat.
20. Prezzijietli jimmarkaw għandhom jiġu espremuti kif indikat fil-paragrafu 9.
21. L-utilitajiet tal-provvista għandhom jipprovdu wkoll l-informazzjoni, darba kull sentejn, dwar in-numru tal-konsumaturi ta' MW (i.e. 17,5 sa 37,5 MW, 37,5 sa 62,5 MW u 62,5 sa 75,0 MW), u l-konsum totali ta' dawn il-konsumaturi f'kull kategorija (bħala GWh). L-informazzjoni meħtieġa permezz tal-paragrafu 18 għandha tkun ikkomunikata jew permezz ta' l-organu statistiku indipendenti, li għandu jiġbor informazzjoni għall-Istat Membru kollu, jew direttament u simultanament lill-amministrazzjoni nazzjonali u lill-SOEC. L-informazzjoni meħtieġa permezz ta' dan il-paragrafu għandha tkun ipprovduta fuq bażi kunfidenzali u m'għandhiex tkun ippubblikata.